**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija llum, l-Erbgħa, tmintax (18) ta' Ġunju 2025

Kawża Nru 6975/2024

**Il-Pulizija**
***(Spettur Kurt Farrugia)***

**Vs**

**Brian Pulis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Brian Pulis**, iben Benedetto u Mary Pulis nee' Vella, imwieled il-Pieta' fl-erbatax (14) ta' Settembru 1975 u residenti "Farmhouse", Triq Pawlu Scicluna, Ħaż-Żabbar detentur tal-karta tal-identita' numru 453975(M) talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 2024 għall-ħabta tal-ħdax u għoxrin ta' filgħodu (11:20hrs) ġewwa l-Bajja ta' San Tumas, Marsaskala:

(1) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;[1]

(2) ħebb għal David Scicluna sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara b'xi mod;[2]

(3) insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil David Scicluna;[3]

(4) volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn mitejn u ħamsin Ewro (€250) iżda anqas min elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) għad-dannu ta' David Scicluna;[4]

(5) mingħajr ħsieb li jagħmel reat, daħal fil-fond, liema fond huwa proprjeta' ta' David Scicluna, u daħal f'dan il-fond wara li ġie mwissi minn David Scicluna li m'għandux jidħol jew daħal bil-moħbi tiegħu jew b'xi skuża falza jew b'qerq ieħor.[5]

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet lill-akkużat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu 2024, David Scicluna rraporta fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar li aktar

[1] Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Artikolu 339(1)(o) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

qabel f'dik il-ġurnata preċiżament għall-ħabta tal-ħdax u għoxrin ta' filgħodu (11:20hrs), waqt li kien fl-għalqa tiegħu li tinsab fil-Bajja ta' Sun Tumas, Marsaskala, hu kien ġie aggredit minn Brian Pulis. Pero' ma soffra l-ebda ġrieħi.

Scicluna stqarr li hu għandu kwistjoni ma' diversi sidien ta' għelieqi fl-inħawi peress li dawn jgħaddu bil-vetturi tagħhom minn nofs l-għalqa tiegħu. Hu sostna li kien hemm proċeduri ċivili pendenti sabiex jiddeterminaw jekk għandux jkun hemm dritt ta' aċċess mill-għalqa tiegħu.

Dakinhar tal-inċident, Scicluna ra lill-akkużat dieħel fl-għalqa tiegħu bil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBJ 549. Scicluna beda jiġbed xi ritratti bil-mobile sabiex jipprova jiddokumenta li kienu qed jgħaddu vetturi mill-għalqa. Il-parte civile stqarr li l-imputat ħareġ mill-vettura u resaq lejh u beda joffendieh u f'ħin minnhom ħataflu l-mobile minn idejh bil-konsegwenza li l-mobile waqa' u ma baqax jiffunzjona. Skont stima pprovduta minn Scicluna, id-danni fuq il-mobile jammontaw għal tmien mija u sitta u għoxrin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€826.94). Scicluna żied jgħid li f'ħin minnhom Pulis imbuttah, iżda hu resaq lura sabiex jevita li jiġu fl-idejn.

Il-Pulizija għamlet kuntatt mal-akkużat fejn wara li ġie mogħti d-drittijiet tiegħu u huwa rrinunzja għall-istess, hu ta stqarrija lill-Pulizija fejn ċaħad li ħebb għal Scicluna jew li daħal fl-għalqa tiegħu. Skont l-akkużat, fl-għalqa ta' Scicluna hemm passaġġ li jagħti aċċess għall-għelieqi oħra u dan huwa l-unika passaġġ disponibbli għal sidien oħra. Sostna li l-parte civile qed jostakola dan l-aċċess. Fl-istqarrija tiegħu, l-akkużat kompla jgħid li Scicluna resaq lejh u għamel il-mobile qrib wiċċu. Minkejja li talbu jneħħi l-mobile u jħassar ir-ritratt li ħadlu, Scicluna baqa' jipponta l-mobile lejh u pprova jieħu filmat. L-akkużat stqarr li hu xejjer idu bil-konsegwenza li tajjar il-mobile minn idejn il-parte civile.

Brian Pulis ġie nfurmat li kienu sejrin jinħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti sejra tibda biex qabel xejn tissenjala fatt li fil-fehma tagħha huwa fatali għall-proċeduri odjerni. Minn eżami taċ-ċitazzjoni jirriżulta li l-akkużat qiegħda jiġi akkużat b'diversi reati speċifiċi li seħħew **fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 2024 għall-ħabta tal-ħdax u għoxrin ta' filgħodu (11:20hrs)** (Enfażi tal-Qorti). Il-Prosekuzzjoni għalhekk għażlet li tintrabat ma' data u ħin partikolari. Madanakollu mill-affidavit ta' PC 865 Howard Woods, mill-current incident report u mix-xhieda tal-parte civile (li prattikament ikkonferma dak li jirriżulta mill-istess current incident report) jirriżulta li l-allegat każ **seħħ fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu 2024** u mhux kif indikat fl-akkuża.

Din il-Qorti tirrileva li d-data tal-akkuża hija element importanti li jrid jiġi ppruvat. Kien hemm istannzi fejn minħabba żball fid-data taċ-ċitazzjoni, l-Qrati tagħna illiberaw anke f'każijiet fejn kien hemm ammissjoni tal-akkużat.[6] L-importanza tal-korrettezza tad-data meta din hija indikata b'mod speċifiku fl-akkuża ġiet trattata b'mod dettaljat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kurt Falzon**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin (30) ta' Settembru 2021. F'dik is-sentenza, il-Qorti wara li għamlet rassenja tal-ġurisprudenza relevanti matul is-snin u daħlet fil-kwistjoni tal-insenjamenti dwar iċ-ċitazzjoni bħala *avviso di comparire*, xorta waħda lliberat lill-appellanti minħabba żball fid-data:

> *"36. Is-sitwazzjoni fil-każ odjern hija tali li l-Prosekuzzjoni xliet lill-appellat li wettaq reat f'data u ħin partikolari u l-provi prodotti wrew li huwa wettaq ir-reat f'data differenti minn dik li ġiet imputata lilu. Irriżulta wkoll li ma saret ebda korrezzjoni tal-partikolaritajiet taż-żmien u ħin imputati fl-istadju debitu. Din għalhekk mhix kwistjoni ta' kunflitt bejn żewġt xhieda dwar id-data ta' meta twettaq ir-reat f'kuntest fejn iż-żewġt dati jkunu ġew koperti bil-parametri ta' żmien u ħin indikati fl-avviż. Dan ikun jista' jitqies bħala kunflitt fil-verżjonijiet mogħtija fil-kors tas-smiegħ tax-xiehda u li jista' jkollu ċerti konsegwenzi fuq il-ġudizzju.*

[6] Ara f'dan is-sens is-sentenza **Il-Pulizija vs. Andre' Falzon**, deċiża fid-19 ta' Novembru 2015.

*37. Il-każ odjern huwa tali li jindika, anke minn ċerti tweġibiet tal-parte civile stess, li l-partikolarita' taż-żmien indikata fl-avviż setgħet kienet żbaljata, jew almenu inċerta. Din ma ġietx b'xi mod korretta fl-istadju proċedurali debitu; u biex il-Qorti tkun ċara, din mhux dejjem tkun tort tal-Prosekuzzjoni. B'hekk ikun jirriżulta li l-prova dwar meta jkun ġie mwettaq ir-reat de quo ma tkunx koperta in kwantu tkun taqa' barra mill-parametri taż-żmien li fih il-Prosekuzzjoni tkun qegħda tixli lill-imputat.*

*38. F'dan il-każ jirriżulta li hemm element ta' konfużjoni dwar meta effettivament inbidlet is-serratura tal-bieb ta' barra tar-residenza tal-konjuġi Falzon - konfużjoni li fil-kamp penali ma tistax timmilita favur sejbien ta' ħtija - in kwantu sabiex tinstab ħtija din tkun trid tistrieħ fuq provi sikuri u mhux provi inċerti jew konfużi.*

*....*

*45. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha sitwazzjoni fejn it-tibdil seta' seħħ fl-24 ta' Ottubru daqskemm fil-25 ta' Ottubru skont l-appellat jew inkella fis-26 ta' Ottubru daqskemm fis-27 ta' Ottubru skont il-parte civile. Din il-Qorti tistqarr li mhux l-ewwel darba li Qorti jkollha sitwazzjoni fejn mill-provi ma tkunx tirriżulta d-data preċiża ta' meta jkun seħħ l-ispoll anki għaliex f'każijiet ta' din in-natura, is-suġġett attiv tar-reat ikun normalment aġixxa bil-moħbi u għalhekk ikun sussegwentement sar ir-rapport mal-Pulizija da parte tas-suġġett passiv tar-reat meta dan tal-aħħar effettivament ikun induna li jkun ġie hekk turbat fil-pussess tiegħu. Iżda, f'dan il-każ partikolari, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet marbuta bid-diċitura taċ-ċitazzjoni liema ċitazzjoni ndikat data preċiża u mhux żmien approssimattiv ta' meta effettivament seħħet ir-ragion fattasi. Dan ifisser illi l-*

*insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawżi John Mary Briffa, Rita Theuma u Warren Piscopo rispettivament, isib applikazzjoni f'dan il-każ.*

*46. Għalhekk, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx issib ħtija fl-appellat għal tibdil fis-serratura li seħħ nhar is-27 ta' Ottubru 2017 in kwantu jirriżulta mingħajr dubju dettat mir-raġuni li dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2017 il-parte civile ndunat bit-tibdil imma mhux li fis-27 ta' Ottubru 2017 kien seħħ it-tibdil fis-serraturi.*

*47. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni għażlet li tintrabat esklussivament mad-data tas-27 t'Ottubru 2017; u fl-avviż ma saret ebda riferenza għal żmien qabel din id-data. Dan qiegħed jingħad b'mod partikolari għaliex din il-Qorti tqis li r-reat ikkontemplat mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa reat ta' natura istantanja allavolja l-effetti tiegħu jaf ikunu ta' natura duratura jew permanenti.*

*.....*

*52. Dan ikun ifisser għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha li tikkunsidra li l-azzjoni kif proposta mill-Prosekuzzjoni kontra Kurt Falzon ma setgħetx tirnexxi. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta wkoll fir-raġunament tagħha li għalkemm jirriżultaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-elementi li jsawru r-reat ta' ragion fattasi, il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova sodisfaċentement li dan twettaq fil-parametri temporali hekk ippreżentati fiċ-ċitazzjoni kontra l-imputat qua appellat. In oltre, ma jirriżultax li ntalbet xi korrezzjoni tal-imputazzjoni saż-żminijiet opportuni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet kemm legalment kif ukoll*

*raġonevolment tasal għall-konklużjoni tagħha li tillibera lill-imputat qua appellat."*[7]

Il-Qorti tinnota li la l-Prosekuzzjoni u lanqas il-parte civile ma talbu korrezzjoni fid-data tal-akkuża minkejja li kellhom kull possibilita li huma jagħmlu dan. Il-Qorti għalhekk trid tiddeċiedi l-kawża abbażi tal-akkuża kif formulata. Mill-provi prodotti jirriżulta biċ-ċar kif fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 2024 ma seħħx dak lamentat mill-parte civile. L-inċident seħħ xahar wara preċiżament fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu 2024. Għalhekk il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-akkużat fl-akkuża kif formulata. Li kieku d-data ġiet impostata korrettament, kien hemm lok li l-Qorti issib ħtija f' wħud mill-akkużi li ġew addebitati fil-konfront tal-akkużat peress li dawn ġew pruvat fl-essenza tagħhom. Pero sfortunatament minħabba l-mod ta' kif ġiet formulata l-akkuża hija prekluża li tagħmel dan.

Din il-Qorti tmur oltre. Anke li kieku l-Qorti kellha tordna l-korrezzjoni f'dan l-istadju tal-proċeduri, l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u l-ħames (5) akkuża sejrin jkunu preskritti peress li dawn huma kollha kontravvenzjonijiet u ġia għaddew aktar minn tlett (3) xhur mid-data tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu 2024. Kien jibqa' biss ir-raba' (4) akkuża. Għalkemm mhux strettament neċessarju għal dan il-proċess, din il-Qorti temmen li għandha tirrileva li din l-akkuża lanqas ma setgħet tirriżulta għas-sempliċi raġuni li l-Prosekuzzjoni u l-parte civile naqsu li jġibu konferma bil-ġurament tal-istimi minnhom prodotti. Hawnhekk m'aħniex fil-kamp ċivili fejn prova fuq bilanċ ta' probabiltajiet hija suffiċjenti. L-oneru tal-prova fil-kamp kriminali jmur oltre minn hekk: kien imperattiv għall-Prosekuzzjoni u l-parte civile li huma jinġunġu lil rappreżentant ta' Phone Refix sabiex jikkonferma l-istima maħruġa minnu u mhux jippreżentaw stimi li lanqas biss huma iffirmati minn min għamilhom. Dan ix-xhud pero baqa' ma inġabx.

- **<u>Decide</u>**

[7] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenzi li ġew deċiżi similarment bl-applikazzjoni tal-insenjamenti supra, fosthom, **<u>The Police vs. Mohammed Hussein Abdi</u>**, deċiża fit-18 ta' Diċembru 2017, **<u>Il-Pulizija vs. John Paul Azzopardi</u>** deċiża fit-30 ta' Novembru 2017, **<u>Il-Pulizija vs. John Tanti</u>** deċiża fil-31 ta' Lulju 2019 u **<u>Il-Pulizija vs. Jesmond Seguna</u>** deċiża fil-11 ta' Mejju 2023.

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti **mhux qiegħda ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha** miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Dr. Jean Paul Grech**
**Maġistrat**